MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 2039/2003

**Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michele Peresso Limited abbazi tal-polza tal-assikurazzjoni u tal-ligi**

**vs**

**Cassar & Cooper (S&I) Limited u b'digriet tal-1 ta' Dicembru 2003 giet kjamata in kawza is-socjeta' Carmelo Caruana Company Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta'' Ottubru 2003 fejn gie premess iss-egwenti:-

Illi s-socjeta' Michele Peresso Limited inkarigat lis-socjeta' konvenuta sabiex tittrasporta merkanzija lejn Malta u meta l-imsemmija merkanzija giet ikkonsenjata, irrizulta li kien hemm diversi nuqqasijiet.

Peress illi ai termini tal-polza ta’ assikurazzjoni relattiva s-socjeta’ attrici hallset lill-assigurata taghha s-somma ta’ Lm1270.91 oltre ghal Lm100 survey fees u ghalhekk is-socjeta’ attrici hija surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha.

Peress illi s-socjeta’ konvenuta hija ghalhekk debitrici tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ elf tlett mija u sebghin lira u wiehed u disghin centezmu (Lm1370.91), rapprezentanti l-valur tan-nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata tas-socjeta’ attrici u ghall-ispejjez tas-survey relattiv, liema konsenja waslet Malta fuq il-bastiment MV City of Edinburgh fil-25 ta’ Settembru 2002, liema danni diga thallsu mis-socjeta’ attrici ai termini tal-polza relattiva.

Is-socjeta’ attrici ghalhekk talbet li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallasha is-somma ta’ elf tlett mija u sebghin lira u wiehed u disghin centezmu (Lm1370.91), bl-imghax mit-3 ta’ Jannar 2003 u bl-ispejjez kontra l-konvenuta, li minn issa tibqa’ ingunta ghas-subizzjoni taghha.

**Ra r-Risposta tas-socjeta’ konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-**

1) Illi preliminarjament s-socjeta’ attrici u l-assigurat taghha naqsu milli jottemperaw ruhhom mad-dispost tal-klawsola 6(4)(G) tal-pattijiet u kundizzjonijiet tal-polza ta’ inkariku relattiva ghall-konsenja in kwistjoni li kopja taghha hija hawn annessa bhala Dok. “BAS 1” u ghalhekk it-talba attrici ma tistax tigi sostenuta u ghandha tigi respinta bl-ispejjez;

2) Illi inoltre is-socjeta’ attrici u l-assigurata taghha naqsu ukoll milli jottemperaw ruhhom mad-dispost tal-klawsola 6(4)(F) tal-pattijiet u kondizzjonijiet tal-polza ta’ inkariku relattiva;

3) Illi fil-mertu t-talbiet atttrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li:

(i) ma jirrizultax illi l-merkanzija in kwistjoni giet nieqsa waqt li din kienet taht ir-responsabilita` tas-socjeta' konvenuta; u

(ii) fi kwalsiasi kaz is-socjeta' konvenuta ma kellha ebda tort jew htija ghar-rigward tan-nuqqasijiet reklamati u ghalhekk ma jista' jkollha ebda responsabilita`.

4) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalsiasi responabbilita` li tista' tigi determinata hija limitata a tenur tal-polza tal-inkariku relattiva;

5) Illi fic-cirkostanzi ghandha tigi ikkjamata fil-kawza is-socjeta' Carmelo Caruana Company Limited bhala agenti u in rapprezentanza ta' Compagnie Maritime d'Affretemente (CMA) li giet inkarikata mis-socjeta' konvenuta bil-garr tal-merkanzija in kwistjoni u dan billi huwa importanti u ekonomiku li tigi stabbilita r-responsabbilita` tal-partijiet involuti f'dan il-kaz f'gudizzju wiehed. Inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost f'kaz li jigi ritenut li s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghad-danni fil-konfront tas-socjeta' assikuratrici – kif surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' destinatrici – l-istess socjeta' konvenuta ghandha dritt ta' rivalsa fil-konfront ta' Carmelo Caruana Company Limited nomine.

Ra d-digriet tal-1 ta' Dicembru 2003 fejn giet ordnata il-kjamata in kawza ta' Carmelo Caruana Co. Limited.

**Ra r-Risposta tas-socjeta' kjamata in kawza fejn hija eccepiet is-segwenti:-**

Is-socjeta' kjamata fil-kawza Carmelo Caruana Company Limited mhix responsabbli bl-ebda mod ghall-allegati nuqqasijiet li rrizultaw lill-assigurat tas-socjeta' attrici u ghaldaqstant it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' Carmelo Caruana Company Limited ghandhom jigu michuda minn dan it-Tribunal.

Sema' x-xhieda ta' Brian Valenzia, Jean Paul Sammut, Alan Mamo, Charmaine Zammit, Vince Micallef, Joseph Agius, Erika Gauci u Dr. Ian Micallef. Ha konjizzjoni tac-

cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partjiet.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Is-socjeta’ Michele Peresso Limited inkarigat lis-socjeta’ konvenuta sabiex titrasporta merkanzija minn Dubai lejn Malta. Din il-merkanzija wasler Malta fil-25 ta’ Settembru 2002 fuq il-bastiment MV City of Edinburgh, liema bastiment wasal il-Malta Freeport. Is-soscjeta’ konvenuta kienet inkarigat lis-soccjeta’ kjamata in kawza, Carmelo Caruana Company Limited bhala agenti u in rpprezentanza ta’ Compagnie Maritime d’Affretemente (CMA) bil-garr tal-merkanzija. Meta l-merkanzija giet ikkonsenjata lil Michele Peresso Limited gie kkonstatat li kien hemm xi nuqqasijiet. Kien ghal din ir-raguni li Michele Peresso Limited ghamlet claim mas-socjeta’ attrici abbazi ta’ polza ta’ assikurazzjoni mahruga mill-istess socjeta’ attrici u din tal-ahhar ghamlet tajjeb ghall-hsarat sofferti minn Michele Peresso Limited u giet ghalhekk surroogata fid-drittijiet taghha.

Is-socjeta’ attrici tiritjeni li s-socjeta’ konvenuta hija responsabbli ghan-nuqqasijiet imsemmija stante li l-assikurat taghha kellu relazzjoni guridika mas-socjeta’ konvenuta peress li kien inkarigaha bil-garr tal-merkanzija.

Mill-provi rrizulta li l-merkanzija in kwistjoni kienet ingarret *f’full load container* kontenenti kaxex bi zraben *u sports accessories*. Skond il-polza ta’ karigu relattiva (esebita a fol. 9 tal-process) il-*container* kien fih 910 kaxxa izda meta infetah fl-imhazen ta’ Michele Peresso Limited instab li kien hemm tmien kaxxex neqsin. Il-merkanzija inhattet fl-imhazen ta’ Michele Peresso Limited fil-prezenza ta’ zewg uffiicjali tad-Dwana. Mid-dokument esebit a fol. 31 sa 34, u cioe’ ir-*release order* mahrug mill-Ufficjali tad-Dwana, jirriuzlta li huma sabu l-*foreign seal* tal-*container* miksur. Dan gie kkonfermat miz-zewg ufficjali tad-Dwana involuti, Alan Mamo u Charmaine Zammit, li xehedu li huma kienu marru fl-imhazen ta’ Michele Peresso Limited fejn kellha

tinhatt il-merkanzija u kkonstataw li l-*container* kellu l-*foreign seal* miksur u meta inhattet il-merkanzija gie kkonstatat ukoll li kien hemm tmien kaxxex neqsin.

Is-socjeta' konvenuta eccepiet li ma jirrizultax li l-merkanzija in kwistjoni giet nieqsa waqt li din kienet taht ir-responsabilita' tas-socjeta' konvenuta. L-istess haga sotniet is-socjeta' kjamata in kawza.

Minn ezami tal-polza ta' karigu relattiva jirrizulta li r-esponsabilita' tas-socjeta' konvenuta, li mbaghad hija ghaddiet lis-sovjeta' kjamata in kawza, kient dik li twassal il-merkanzija sal-port. Mill-provi rrizulta li mill-Freeport il-merkanzija giet trasferita fl-imhazen tas-socjeta' Michele Peresso Limited mill-burdnara tal-istess socjeta', u cioe' s-socjeta' Angelo Ciantar & Sons Limited. Mix-xhieda tar-rapprezentanti tal-Freeport, u cioe' Erica Gauci u Dr. Ian Micallef, u mid-dokument esebit a fol. 107 tal-process, irriuzlta li fil-mument li l-*container* in kwistjoni nizel minn fuq il-bastiment u sussegwentment hareg mill-*Exit Gate* tal-Freepoert ma giex ikkonstatat li dan kellu xi sigill miksur. Dawn iz-ewg xhieda spjegaw li f'kaz li jirrizulta li jkun hemm xi sigill miksur jew nieqes jinhareg l-hekk imsejjah CIR Report u mid-dokument eseibit a fol. 107 tal-process li huwa l-istorja tal-*container* in kwistjoni mahrug mir-*records* tal-Malta Frreport, ma jidhirx li nhareg dan ir-rapport. Dan jimplika lil fil-mument li l-*container* in kwistjoni hareg mill-Freeport ma kienet giet innutata ebda irregoralita'.

Fil-fehma tat-Tribunal is-socjeta' attrici ma rnexxilhiex tipprova, kif kellha l-oneru li taghmel, li n-nuqqasijiet sofferti mill-asikurat taghha effettivament gew ikkagunati waqt li l-*container* kien taht ir-responsabilita' tas-socjeta' konvenuta jew ta' dik kjamata in kawza u ghalhekk it-talbiet attrici ma jistghux jintlaqghu la fil-konfront tas-socjeta' konvenuta u l-anqas fil-konfront tas-socjeta' kjamata in kawza.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici kemm fil-konfrotnt tas-socjeta' konvenuta kif ukoll fil-konfront tas-socjeta' kjamata in kawza.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------